


F'Malta w Għawdex il-postijiet bis-siġar ma tantx huma bil-wisq. Il-Buskett huwa post magħruf għas-siġar u xtieli oħra. Bla dubju, l-agħsafar jużaw il-Buskett bħala post għall-mistrieħ u għall-akkwist tal-ikel tagħhom.

Is-siġar l-iktar numerużi fil-Buskett huma tal-Prinjol u taċ-Ċipress. Wied il-Luq huwa l-uniku parti fejn hemm l-ilma b'mod speċjali fix-xitwa. Hawnhekk jinsabu sigar tal-Luq, tal-Fraxxnu, l-Ulmu u l-Balluta. Dawn, flimkien mal-qasab u l-għollieq, isebbħu d-dehra tal-wied. Fl-egħlieqi, bejn il-Bosk u l-wied, hemm id-dwieli u s-siġar tat-tin, u mal-ħitan tikber il-Liedna. F'postijiet fejn hemm irdum baxx jinsab dak li hu magħruf bħala "maquis". Dan jikkonsisti f'post jew 'habitat' fejn jikbru bosta siġar u xtieli li ma jitwalux iżjed minn tlett metri, bħall-ħarrub żgħir, żebbuġ, kif ukoll xtieli bħall-Pistaċja, ż-Żagħrun u l-Ispraġġ. Ħafna xtieli jipproduċu frott li l-agħsafar ifittxu biex iżidu l-piż u x-xaħam bħala riserva għall-vjaġġ tagħhom.

L-imsaġar huma ftit fil-gżejjer tagħna u għalhekk il-Buskett joffri ambjent lil dawk l-agħsafar li s-soltu jgħixu fil-boskijiet. Għalhekk, il-Ġamiem, is-Slaten il-ġamiem, it-tajr isfar, ħafna Buful, iż-Żanżarelli u l-Kudirrossi kollha ssibhom f'dan l-ambjent. Kieku ma kienx għall-kaċċa bla rażan, kieku aktar agħsafar tal-passa jibqgħu fil-Buskett u xi whud ibejjtu wkoll. Għalhekk fiż-żmien tal-bejta l-agħsafar li wieħed isib fil-Buskett ikunu ftit.
Iżda fil-wiedin wieħed jista' jsib il-Bagħal ta' l-għollieq li bl-għana tiegħu jgħati ħajja lill-wied; u l-Bufula s-sewda li tbejjet f'siġar żgħar jew xtieli oħra. Id-Durrajsa iktar tħobb postijiet mikxufa u dan jgħodd ukoll għall-Bagħal ta' l-imrewħa li minkejja ċ-ċokon tiegħu, l-għajta tar-ragel "żip, żip, żip", saret ħaġa komuni fil-kampanja Maltija. Li tara l-frieħ ta' l-Isponsuni u ż-żanżarelli tat-tikki hija ħaġa kważi ta' kull sena.

Fil-ħarifa tidher il-bidla fil-Buskett; xi xtieli jinxfu, iżda oħrajn, bħall-għollieq ikun bil-frott. L-insetti jinġabru mal-bużbież, u bil-mod jiżdiedu l-agħsafar tal-passa. Fil-għodu, il-Buful Passajr u l-Bekkafiki jkunu jieklu mill-frott ta' l-għollieq u tat-tin. Fil-wied, ġol-qasab, tisma' xi Bagħal tal-Qasab jew xi Bagħal Prim jagħjat jew



*Kudirross (raġel u mara)*

jgħanni waqt li jfittxu l-insetti qalb il-weraq. Mal-wasla ta' Settembru, it-temp jibda jiċċaqlaq, is-sħab jiżdied u mar-riħ isfel jibdu jidhru t-tajr tal-priża. L-għoli tal-Buskett u l-Bosk jiġbed lejħ ħafna tajr tal-priza. Il-Kuċċarda tidher l-iktar għalkemm din tidher sikwit fir-rebbiegħa wkoll. Ħafna mill-Kuċċard jagħtu wirja spettakulari meta jinżlu għall-irqad fis-siġar



*Kuċċarda*

għolja tal-Buskett, iżda b'xorti ħażina jisfgħu maqtula. Il-Bugħadam Aħmar huwa komuni, kif ukoll xi isqra bħall-Ispanjulett u s-Seqer tal-Ħannieqa, li jużaw il-Buskett biex jaqbdu xi għasafar bħal ħuttaf, ħawwief jew rundun tal-passa, kif ukoll xi annimali w insetti żgħar. Xi kultant jidhru għasafar inqas komuni, bħal xi Ajkla Bajda, l-Avultun, l-Arpa, xi Sparvier u xi Bies tar-Reġina.

Wara li tagħmel ix-xita sewwa, l-art mogħxa tinbidel f'kulur ħadrani u l-egħlieqi jkabbru għażla ta' ħxejjex differenti. Ix-xitwa ġġib magħha il-Vjolin tax-Xitwa, il-Buċaqq tax-Xitwa w ż-Żiemel li x'aktarx issibhom inaqqru qalb il-ħaxix u r-raba' saqwi. Jaslu wkoll ħafna mill-agħsafar ta' l-għana bħall-Apparelli, Sponsuni, Ġojjini u Vrieden li jistgħu jqattgħu x-xitwa magħna iżda minflok isibu ruħhom f'xi gaġġa tan-nassaba.

Wieħed ma jistax jinsa l-Pitirross li hu wieħed mill-agħsafar l-aktar popolari mal-Maltin u Għawdxin. L-għanja ħelwa tiegħu tinstema' matul ix-xitwa kollha. Iżda għalkemm dan l-għasfur jagħmel ħafna ġid u l-għanja tiegħu tagħti ħafna gost, jinqabdu ħafna bit-trabokki anki fil-Buskett. Il-wasla tax-xitwa ġġib magħha l-għanja sabiħa tal-Malvizz jew l-għajta storbjuza tal-Malvizz Iswed. Jinstemgħu wkoll l-għajjat ta' xi kokka, u fil-ħaxix twil u mimli nida ma' l-ilma ġieri tal-wied, ikun hemm xi Bekkaċċ, xi Ġallozz u xi Gallina.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar il-frott tal-liedna jsir. Għalhekk il-Kapineri u l-Pitirrossi, li jiddependu fuq dan il-frott, jiżdiedu u sa Marzu l-Buskett ikun mimli b'dawn l-agħsafar.

Il-Buskett huwa santwarju ta' l-agħsafar fejn ħadd ma jista' jġorr arma tan-nar jew munizzjon u ħadd ma jista' jaqbad jew jipprova jaqbad l-ebda għasfur. Kieku l-liġi tiġi osservata kieku certi għasafar żgur ibejjtu. Il-Gamiem żgur ibejjet; l-Ispanjulett u l-Barbaġann żgur ikollhom x'jaqbdu għall-friegħ. Is-siġar tal-ħarrub kieku zgur ikollhom xi bejta tal-Kaċċamendula u kieku u kieku...

Mhux biss il-kaċċaturi u n-nassaba jeqirdu l-ambjent tal-Buskett. Ħafna nies xi kultant jinsew is-sbuħija ta' l-ambjent naturali u jqaċċtu siġar u fjuri; jaqbdu ż-żrinġijiet u jħammġu l-ambjent tal-Buskett bl-iskart u bl-għajjat.

Il-Buskett jista' jkun ta' kullħadd jekk isir "Reserve" Naturali bħal ma qiegħed jiġri fl-Għadira. "Reserve" naturali jkun kontrollat u wieħed jista' jara l-agħsafar jew jistudja l-ħajja naturali minn passaġġi magħrufin bħala "nature paths". Fuq kollox ikun hemm nies apposta msejħin "wardens" biex iħarsu u jgħassu l-post u fl-istess ħin jispjegaw kif wieħed jista' japprezza l-ħajja naturali mingħajr ma jagħmel ħsara.

F'Malta ftit huma dawk il-postijiet bħall-Buskett u dan iktar jagħtina raġun għaliex għandna nħarsu l-Buskett. Il-Buskett huwa post fejn wieħed jista' jqatta' siegħa mistrieħ u fl-istess ħin japprezza l-ambjent ta' madwaru, b'mod speċjali l-agħsafar li jkunu ta' kull lewn u daqs.



*Liedna*